# LECTIO DIVINA

# L-EWWEL ĦADD TAL-AVVENT (B)

## Mk 13,33-37

**«Kunu għajnejkom miftuħa, ishru, għax ma tafux meta se jasal il-waqt.**

Din is-silta tagħlaq il-kapitlu 13 tal-vanġelu skont San Mark li jħaddan id-diskors eskatoloġiku ta' Ġesù. Mill-kapitlu 14 jibda r-rakkont tal-mewt u qawmien tiegħu. Ġesù jagħmel sejħa ċara lid-dixxipli sabiex ma jalnenawx ruħhom, *jaraw* («βλέπετε»), *jibqgħu mqajmin* («ἀγρυπνεῖτε»): huma "kmandamenti" ċari fl-istennija tal-«waqt» («καιρός») meta jerġa' jiġi Kristu. Din is-sahra titlob minna d-dixxipli li nkunu *attenti* – din l-attenzjoni tinbet minn tama żgura li l-Mulej ġej dalwaqt u għalhekk hu meħtieġ is-*sabar* tal-bniedem perseveranti: «Tassew li teħtieġu s-sabar biex tagħmlu r-rieda ta' Alla u tiksbu dak li hu wiegħed. Għax "ftit ieħor, ftit ħafna, u dak li għandu jiġi ma jdumx ma jiġi. Il-bniedem ġust tiegħi jgħix bil-fidi; imma jekk jerġa' lura jien ma nitgħaxxaqx bih."» (*Lhud* 10, 36-38).

**Jiġri bħal meta bniedem ikun siefer u telaq mid-dar, iħalli kollox f'idejn il-qaddejja tiegħu, kull wieħed fuq xogħlu,**

Għalkemm insibu paralleli ta' dan il-passaġġ f'*Mattew* (25,14-30) u f'*Luqa* (19,12-27), f'*Mark* ir-raġel li jitlaq iħalli «dar» li fiha kull qaddej għandu «xogħlu», u wkoll hemm «tal-bieb» bl-ordni speċifiku «biex jibqa' jishar». Żmien l-istennija huwa ż-żmien tal-*fiduċja* li l-Mulej juri mal-qaddejja li jagħtihom bħala don u missjoni l-kura tad-«dar» tiegħu. Il-qaddejja li «ma jiswew għal xejn» (*Lq* 17,10) jingħatalhom iż-żmien biex jagħmlu l-frott. It-tluq tas-Sid aktar milli huwa żmien *ta' nuqqas* (assenza) huwa żmien ta' *doni* għall-qaddejja tiegħu: «Madankollu, ngħidilkom is-sewwa, jaqblilkom li jiena mmur; għaliex, jekk ma mmurx, id-Difensur ma jiġix għandkom; imma jekk immur, nibgħathulkom.» (*Ġw* 16,7). Huwa ż-żmien biex il-qaddej *jaħdem fid-doni* li ġew afdati lilu (*Mt* 25,16: «ἠργάσατο ἐν αὐτοῖς»). Huwa ż-żmien mogħti biex wieħed jaħdem fuqu nnifsu billi jħaddem id-doni/talenti li rċieva.

**u lil tal-bieb jordnalu biex jibqa' jishar.**

L-istennija «tal-waqt» għandha tingħax ukoll bħala *sahra ħdejn il-bieb* sabiex malli jasal l-Għarus u jħabbat, il-qalb mgħarrsa miegħu tiftaħlu (cfr *Mt* 25, 1-13): «Ara, jien fil-bieb, u qiegħed inħabbat; jekk xi ħadd jismagħni u jiftaħli l-bieb, jiena nidħol għandu u niekol miegħu, u hu jiekol miegħi» (*Apok* 3,20). "Din, mela, hija l-Knisja: hi l-poplu ta' Alla miexi wara l-Mulej Ġesù u li qed jitħejja jum wara l-ieħor għal-laqgħa miegħu, bħal għarusa ma' għarustha." (FRANĠISKU, Udjenza 15/10/14).

Il-post tas-sahra huwa l-bieb tad-dar tal-Mulej – quddiem il-bieba tat-Tinda tiegħu fost il-bnedmin; quddiem it-tinda tal-ġisem tal-proxxmu, speċjalment tal-iżgħar fost l-aħwa; ħdejn il-bieb tat-tempju magħmul minn ġebel ħaj sabiex ikun anki *għassies, kustodju ta' ħuh* (cfr *Ġen* 4,9): «Hieni l-bniedem li jismagħni, li jishar wara biebi, li jgħasses kuljum mal-għatba ta' biebi, għax min isib lili jsib il-ħajja, u jikseb l-imħabba tal-Mulej.» (*Prov* 8, 34).

**Mela ishru, għax ma tafux meta jiġi Sid id-dar, jekk hux fil-għaxija, jew f'nofs il-lejl, jew xħin jidden is-serduk, jew inkella mas-sebħ,**

Is-Sid jista' jiġi f'kull mument – l-evanġelista jsemmi l-*erba' vġejjel* li bihom ir-Rumani kienu jqassmu l-lejl, kull waħda ittul tliet sigħat. Fir-rakkont tal-passjoni, jergġħu jissemmew: «filgħaxija» jseħħ l-arrest ta' Ġesù (cfr *Mk* 14,17), «f'nofs il-lejl» jiġi meħud quddiem il-Qassis il-Kbir (vv. 60-62), «xħin jidden is-serduk» Pietru jkun għadu kemm ċaħdu għal tliet darbiet (v. 72), u «filgħodu» jittieħed quddiem Pilatu (15,1). Kull mument tal-istennija għandu jżomm ħajja fid-dixxiplu t-tifkira tal-imħabba kbira ta' Kristu għalih li leħħet fl-għotja sħiħa tiegħu. Id-dixxiplu li jiftakar fil-fidwa miksuba għalih minn Kristu, jgħix bħala iben id-dawl u jitqabad kontra l-qawwiet tad-dlam billi jħaddan is-*sobrietas*: jagħraf jgħix bil-qjies: «Għalhekk ma għandniex norqdu bħall-oħrajn, iżda nishru u ngħixu bil-qjies. Għax min jorqod, jorqod billejl; u min jisker, jisker billejl. Ladarba aħna wlied il-jum, ejjew ngħixu bil-qjies, nilbsu l-kurrazza tal-fidi u l-imħabba, u l-elmu tat-tama tas-salvazzjoni.» (*1Tess* 5, 6-8). Huwa ż-żmien biex id-dixxiplu jħaddem il-*virtù tal-qjies* li permezz tagħha jsawwar ġo fih il-kapaċità, il-qawwa (*virtus*) li jkun imħażżem fir-ruħ (fil-moħħ) u rżin f'kollox (cfr *1Pt* 1, 13) sabiex jindirizza u jumanizza l-emozzjonijiet u l-imġiba tiegħu b'mod li jsir aktar bniedem. Hekk jikseb ħelsien akbar aktar ma jagħraf imexxi *hu* l-emozzjonijiet u l-passjonijiet tiegħu milli bil-kontra.

Is-*sahra* għalhekk hija taqbida kontinwa li titlob mid-dixxiplu l-kapaċità li *jżomm sħiħ*: iżomm sħiħ biex iħares l-ewwelnett il-*ħajja interjuri tiegħu* u jgħasses kontinwament fuqu nnifsu; iżomm sħiħ kontra t-tlettix qarrieq tad-dinja; iżomm sħiħ biex jgħaqqad aktar flimkien il-fidi mistqarra u l-ħajja mgħixha.

**li ma jmurx jiġi għal għarrieda u jsibkom reqdin.**

Fis-simboloġija bibblika, imma anki f'kulturi oħra (fil-mitoloġija Griega l-irqad *Hypnos* huwa t-tewmi ta' *Thanatos*, il-mewt) li torqod ifisser li tidħol fl-ispazju tal-mewt. Il-bniedem li jishar (*homo vigilans*), huwa dak li ma jaħkmux in-ngħas tal-indifferenza u tal-injuranza frott in-nuqqas ta' memorja salvifika u ta' fidi fi Kristu: «mimdud fuq friexi, fik niftakar; u naħseb fuqek fis-sahriet tal-lejl» (*S* 63,7; 119, 55.62.148). Huwa l-bniedem li jishar biex ma jidħolx fit-tiġrib (cfr *Mk* 14, 38) – għalkemm ġismu jorqod qalbu dejjem tishar: «Jiena rieqda, iva, iżda qalbi tishar» (*Għan* 5, 2). Qalbu tfittex dejjem l-għerf mill-Għoli li jhenniha: «L-aqwa tal-għaqal hu li taħseb fl-għerf, u min jishar għalih jeħles mill-inkwiet» (*Għerf* 6,15).

Għalhekk, il-qaddej għandu jissokta fil-ħidma u s-sahra tiegħu biex ma jeħdux in-ngħas. Il-qaddej li jorqod (*homo dormiens*) huwa "dak li jgħix li 'l hinn mill-possibilitajiet tiegħu, jgħix fil-biża', jgħix ħajja banali, superfiċjali, pjatta aktar milli profonda; hu għażżien, traskurat, iħalli ż-żmien għaddej; huwa dak li jgħix bħallikieku għandu f'idejh żmien li ma jintemm qatt; huwa dak li jaħrab mit-toqol li joqgħod jaħseb u li jistaqsi lilu nnifsu; huwa dak il-bniedem bla ħeġġa, li xejn ma jolqtu: għalih kollox *for granted*; huwa dak li ma jintrabatx mar-realtà u mal-oħrajn, imma jibqa' dejjem fl-għejja, anzi hu għamel mill-fatt li ma jarax, li ma jismax, li ma jintlaqat minn xejn u li qatt ma jinterroga lilu nnifsu, il-kundizzjoni ta' ħajtu" (Enzo BIANCHI, *È necessaria l'ascesi cristiana?*).

**U dak li qiegħed ngħid lilkom, qiegħed ngħidu għal kulħadd: ishru!»**

L-appell/ordni ta' Ġesù mhuwiex biss għad-dixxipli, imma hu għal «kulħadd», hu min hu. Id-dixxiplu li jishar huwa l-*profeta* li jieħu ħsieb anki sabiex l-oħrajn jibqgħu jistennew lil Mulej sa ma' jiġi. Dan huwa dmir fundamentali ta' kull Nisrani in ġenerali, u tal-presbiteru b'mod partikulari (cfr *Atti* 20,28). Hu mhux biss jieħu ħsieb tiegħu nnifsu imma ta' dawk li ġew afdati f'idejh. Huwa bniedem *responsabbli* tal-oħrajn, b'*għajnejh miftuħin* mhux biss fuqu nnifsu, imma anki fuq id-dinja ta' madwaru u fuq l-oħrajn. Is-*sahra* trid tkun mgħixha f'kull

aspett u f'kull relazzjoni sabiex f'kollox u fuq kollox isaltan Kristu. B'hekk huwa jsir dawl għall-oħrajn (cfr *Mt* 5,16).
Hija din l-istennija li tagħti valur lil kull ħidma li jwettaq id-dixxiplu tal-Mulej. Mingħajr din is-*sahra*, il-ħidma tad-dixxiplu tkun biss telf ta' żmien. "Jeħtieġ li nishru fuq l-għemil tagħna biex ma nitħabtux għalxejn" (abba Arsenju).

Għall-meditazzjoni

*Un primo modo delle vigilanza sta nel sorvegliare frequentemente la fantasia, cioè l'assalto, perché Satana non può, senza la fantasia, creare pensieri, né presentarli al profondo del cuore servendosi dell'inganno. Un altro modo è di avere il cuore sempre profondamente silenzioso, in stato di quiete, estraneo a ogni pensiero, e di pregare. Altro modo è supplicare nell'umiltà l'aiuto del Signore Gesù Cristo. Altro modo è avere nell'anima l'incessante memoria della morte. Tutte queste azioni, carissimo, impediscono come portinai l'accesso ai cattivi pensieri... La dimenticanza è in grado di spegnere la custodia del profondo del cuore come l'acqua spegne il fuoco. La preghiera continua di Gesù, unita a una vigilanza costante, finisce per scacciarla totalmente dal cuore. La preghiera ha bisogno infatti della vigilanza come la fiaccola ha bisogno della lucerna per dare luce.*

Esichio Presbitero, *A Teodulo*, 102.